



# Apprezzament: Lawrence Farrugia (1938 – 2022)

**L-Avukat Noel Camilleri**
*Il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda*

Meta persuna tkun qattgħet parti kbira minn ħajjitha fil-volontarjat, allura mingħajr eżitazzjoni wieħed jista' jiddeskrivi lil Lorry Farrugia bħala persuna tal-komunità li ħabb mhux biss il-Birgu, belt twelidu, imma anke aspetti oħra tal-ħajja komunitarja.



Madanakollu, Lorry Farrugia jibqa' wkoll imfakkar bħala l-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, liema kariga okkupa għal xejn anqas minn 25 sena li fihom kompla fejn ħallew ta' qablu biex jara li l-baned tradizzjonali tagħna, li m'hemmx dubju huma wirt u patrimonju tagħna, jibqgħu relevanti għas-soċjetà inġenerali.

Lorry kien bniedem serju, dixxiplinat u ta' prinċipju li qatt ma beża' jesprimi l-opinjonijiet tiegħu fil-qasam bandistiku. Lorry kellu għan wieħed: dak li terġa' tiddaħħal aktar serjetà kif tiġi ċċelebrata l-festa Maltija għax dejjem għaraf li l-eċċessi ma jagħmlu ġid u ġieh lil ħadd, aktar u aktar lil dawk li jwettquhom.

Minkejja li ma baqax jokkupa l-kariga ta' president, Lorry kien dejjem lest li jagħti l-pariri tiegħu b'onestà, b'raġunament oġġettiv u trasparenti. Ħaddieħor forsi, wara li jtemm l-inkarigu tiegħu importanti li kellu, jitlef l-interess f'dik l-għaqda. Mhux Lorry, għax baqa' jattendi l-laqgħat tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, u mhux biss jattendi imma aktar importanti kien jikkontribwixxi b'mod pożittiv għax hekk kien il-karattru tiegħu. Għandna ngħożżu u nżommu ħaj l-eżempju ta' Lorry jekk verament irridu li din l-għaqda u fuq kollox il-każini tagħna u l-festa Maltija jibqgħu relevanti fis-soċjetà Maltija.

Mat-telfa ta' Lorry Farrugia, l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda mhux biss tilfet persuna li serva bħala president għal 25 sena, imma aktar minn hekk tilfet persuna li verament ħabb lil din l-għaqda, ħabb il-festa Maltija, ħabb dak kollu sabiħ marbut mal-fraternità bandistika Maltija, imma fuq kollox ħabb lis-soċjetà Maltija kemm fuq livell ta' komunità, imma anke fuq livell nazzjonali.

George's Bakery
22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685
Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd